MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 254/2007

**Joseph MIFSUD**

**vs**

**Heshan SHEHATA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-7 ta' Marzu, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrent talab li l-Qorti terġa tagħmel eżekuttiva sentenza mogħtija fit-18 ta' Mejju, 2000, fil-kawża fl-ismijiet premessi (Ċitazz Nru. 1560/99 RCP) u dan billi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttiva;

Rat li l-intimat, notifikat kif imiss bil-proċedura tal-affisjoni u tal-pubblikazzjoni għall-finijiet tal-Art 187 (3) tal-kap 12, ma ppreżentawx risposta u l-anqas deher għar-rikors, meta ssejħet il-kawża;

Rat li r-rikorrent kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u iddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t'talbiet ta' l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------